



Abbozz ta' Regolament Gran Dukali li jispeċifika l-metodi ta' kalkolu u l-proċedura għall-għoti ta' assistenza finanzjarja għal terminals privati tal-iċċarġjar u sistemi kollettivi ta' ġestjoni intelliġenti tat-tagħbija

Jiena, Henri, il-Gran Duka tal-Lussemburgu, Duka ta' Nassau,

Wara li kkunsidrajt il-Liġi ta' [jj/xx/ssss] li tintroduċi assistenza finanzjarja għal installazzjonijiet li jippermettu l-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi, u b'mod partikolari l-Artikoli 1, 3, 4 u 5 tagħha;

Wara li tlabt l-opinjoni tal-Kamra tal-Kummerċ, il-Kamra tas-Snajja', il-Kamra tal-Impjegati, u l-Kamra tal-Uffiċjali u l-Impjegati Pubbliċi;

Wara li smajt lill-Kunsill tal-Istat,

Fuq ir-rapport tal-Ministru għall-Ambjent, il-Klima u l-Bijodiversità, il-Ministru għall-Ekonomija, l-SMEs, l-Enerġija u t-Turiżmu u l-Ministru għall-Finanzi, u wara deliberazzjoni mill-Gvern fil-Kunsill;

B'dan nordna li ġej:

Artikolu 1. Assistenza finanzjarja għat-terminals tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi

(1) Skont l-Artikolu 3(6), is-subparagrafu 1, l-ewwel sentenza, tal-Liġi msemmija hawn fuq ta' [jj/xx/ssss], l-assistenza finanzjarja msemmija fiha tingħata sa 50 fil-mija tal-ispiża, eskluża t-taxxa fuq il-valur miżjud, tax-xiri u l-installazzjoni tat-terminal tal-iċċarġjar, sa massimu ta' EUR 750 għal kull punt tal-iċċarġjar.

(2) Skont l-Artikolu 3(6), is-subparagrafu 2, tal-Liġi msemmija hawn fuq ta' [jj/xx/ssss], il-limitu massimu għal kull punt tal-iċċarġjar imsemmi fis-subparagrafu 1 ta' dan l-Artikolu huwa:
1° EUR 1 200 għat-terminals tal-iċċarġjar tal-OCPP (Protokoll ta' Punt ta' Ċċarġjar Miftuħ);
2° EUR 1 400 għat-terminals tal-iċċarġjar li jikkonformaw, għall-finijiet ta' interoperabbiltà, ma' mill-inqas l-istandard EN ISO 15118-20: 2022.

Artikolu 2. Assistenza finanzjarja għall-installazzjoni ta' sistema kollettiva ta' ġestjoni intelliġenti tat-tagħbija

Skont l-Artikolu 4(4), is-subparagrafu 1 tal-Liġi msemmija hawn fuq ta' [jj/xx/ssss], l-assistenza finanzjarja msemmija fiha tingħata sa 50 fil-mija tal-ispiża, eskluża t-taxxa fuq il-valur miżjud, tax-xiri u l-installazzjoni ta' sistema kollettiva ta' ġestjoni intelliġenti tat-tagħbija, sa massimu ta' EUR 40 000 għal kull sistema.

Artikolu 3. Proċedura

(1) Fil-kuntest tal-eżami tal-applikazzjonijiet, l-Amministrazzjoni Ambjentali tista' titlob il-produzzjoni ta' kwalunkwe dokument li tqis meħtieġ biex tiġi aċċertata l-konformità mal-



kundizzjonijiet tal-għoti kif ukoll il-veraċità tal-informazzjoni pprovduta lilha b'appoġġ għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe fajl li fir-rigward tiegħu fi żmien sena ma jkunx hemm konformità mat-talba msemmija fis-subparagrafu 1, għandu jingħalaq u l-applikazzjoni għall-assistenza finanzjarja għandha tiġi rifjutata. L-Amministrazzjoni Ambjentali għandha tinforma lill-applikant dwar l-għeluq tal-fajl u dwar ir-rifjut tal-applikazzjoni.

(2) Għal aplikazzjonijiet għal assistenza mressqa mill-koapplikanti msemmija fl-Artikolu 3(6), is-subparagrafu 1, ir-raba' sentenza, tal-Liġi msemmija hawn fuq ta' [jj/xx/ssss], għandu jiġi ppreżentat fajl wieħed ta' aplikazzjoni ffirmat kif suppost minn kull wieħed mill-koapplikanti lill-Amministrazzjoni Ambjentali.

Fil-formola msemmija fl-Artikolu 4, il-koapplikanti għandhom jipprovdu numru tal-kont bankarju li għalih għandu jitħallas l-ammont sħiħ tal-assistenza. F'dan il-każ, il-koapplikant li jkollu dak il-kont bankarju għandu jkun obligat li jittrasferixxi immedjatament is-sehem tal-koapplikanti l-oħra fil-kontijiet bankarji rispettivi tagħhom.

Artikolu 4. Formola

(1) Il-formola ta' aplikazzjoni għal assistenza finanzjarja u l-annessi tagħha, imsemmija fl-Artikolu 1, jistgħu jinkludu tali informazzjoni bħal:

- 1° l-isem, l-indirizz, in-numru ta' identifikazzjoni, id-dettalji ta' kuntatt u d-dettalji tal-kont bankarju tal-applikanti u, jekk il-persuni elenkati hawn fuq huma entitajiet legali, l-ismijiet tal-persuni awtorizzati li jirrappreżentawhom;
- 2° fejn applikabbli, l-isem, l-indirizz, in-numru ta' identifikazzjoni, id-dettalji ta' kuntatt u d-dettalji tal-kont bankarju tar-rappreżentant tal-applikanti u, jekk ir-rappreżentant huwa entità legali, l-isem tal-persuna awtorizzata biex tirrapreżentaha;
- 3° l-indirizz li fih jinsabu s-siti tal-installazzjoni tal-punti tal-iċċarġjar tat-terminal tal-iċċarġjar li għalih tintalab l-assistenza;
- 4° fil-każ ta' bini b'abitazzjonijiet multipli, l-għadd ta' unitajiet privati u l-informazzjoni li tidentifika l-unità privata li magħha huma marbuta s-siti msemmija fil-punt 3;
- 5° għal kull unità privata kkonċernata mill-applikazzjoni, informazzjoni dwar jekk hijiex unità residenzjali jew mhux residenzjali;
- 6° l-għadd ta' siti marbuta ma' kull waħda mill-unitajiet privati msemmija fil-punt 5°;
- 7° fil-każ ta' bini b'abitazzjonijiet multipli, l-għadd totali ta' siti marbuta mal-bini;
- 8° informazzjoni għal kull wieħed mill-applikanti: jekk għandhomx drittijiet ta' proprjetà jew dritt ta' użu jew dritt ta' użufрутwarju għas-siti msemmija fil-punt 3°;
- 9° l-isem, l-indirizz, in-numru ta' identifikazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-impriża li wettqet ix-xogħol ta' installazzjoni għat-terminal u, jekk hija entità legali, l-isem tal-persuna awtorizzata li tirrapreżentaha;



10° informazzjoni relatata mat-terminal tal-iċċarġjar li miegħu hija relatata l-applikazzjoni, kif ukoll informazzjoni dwar jekk it-terminal huwiex integrat f'sistema kollettiva ta' ġestjoni intelliġenti tat-tagħbija.

L-informazzjoni msemmija fil-punti 9° u 10° għandha timtela mill-impriża msemmija fil-punt 9°.

(2) Il-formola ta' applikazzjoni għal assistenza finanzjarja u l-annessi tagħha, imsemmija fl-Artikolu 2, jistgħu jinkludu tali informazzjoni bħal:

1° l-indirizz tal-bini li miegħu hija relatata l-applikazzjoni;

2° l-isem, l-indirizz, in-numru ta' identifikazzjoni, id-dettalji ta' kuntatt, id-dettalji tal-kont bankarju tar-rappreżentant tas-sindakat tal-koproprietarji li f'isimhom u għan-nom tagħhom tkun qed tiġi ppreżentata l-applikazzjoni u, fejn dan ir-rappreżentant huwa entità legali, l-isem tal-persuna awtorizzata li tirrappreżentah;

3° l-għadd ta' unitajiet privati li jappartjenu għall-bini b'abitazzjonijiet multipli;

4° l-isem, l-indirizz, in-numru ta' identifikazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-impriża li wettqet ix-xogħol ta' installazzjoni għas-sistema kollettiva ta' ġestjoni intelliġenti tat-tagħbija u, jekk hija entità legali, l-isem tal-persuna awtorizzata li tirrappreżentaha;

5° informazzjoni relatata mas-sistema sistema kollettiva ta' ġestjoni intelliġenti tat-tagħbija li għaliha tirreferi l-applikazzjoni.

L-informazzjoni msemmija fil-punti 4° u 5° għandha timtela mill-impriża msemmija fil-punt 4°.

Fil-każ ta' applikazzjoni separata kif imsemmi fl-Artikolu 4(4), is-subparagrafu 3, tal-Liġi msemmija hawn fuq ta' [jj/xx/ssss] , il-formola għandha tipprovdi:

1° l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu (1), il-punti 1° u 2°;

2° l-isem, l-indirizz, in-numru ta' identifikazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-impriżi li wettqu x-xogħol imsemmi fl-Artikolu 4(4), is-subparagrafu 2, il-punt 8° tal-Liġi msemmija hawn fuq ta' [jj/xx/ssss] u, jekk huma entitajiet legali, l-isem tal-persuni awtorizzati li jirrapreżentawhom;

3° l-isem, l-indirizz, in-numru ta' identifikazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-korp ta' spezzjoni approvat imsemmi fl-Artikolu 4(4), is-subparagrafu 2, il-punt 9° tal-Liġi msemmija hawn fuq ta' [jj/xx/ssss] u, jekk huwa entità legali, l-ismijiet tal-persuni awtorizzati li jirrapreżentawh.

Artikolu 5. Dokumenti ta' sostenn

(1) L-applikazzjonijiet għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti ta' sostenn li ġejjin:

1° fatturi dettaljati u preċiżi għall-ispejjeż tal-materjali u tal-apparat użati u l-ispejjeż tal-installazzjoni. Dawn il-fatturi jistgħu jirreferu għal stima dettaljata li għandha tiġi meħmuża mal-fattura. Il-fatturi dettaljati jistgħu jinġabru fil-qosor f'fattura ġenerali, akkumpanjata minn ċertifikati ta' konformità vvalidati mill-kumpanija jew mill-persuna responsabbli għax-xogħol, abbażi ta' mudelli pprovduti mill-Amministrazzjoni Ambjentali. Dawn il-fatturi għandhom jitħallsu kif xieraq;



- 2° dokument ta' identità bankarja jew kwalunkwe evidenza oħra tal-kont bankarju jew dokument ta' sostenn li jidentifika l-kont bankarju tal-benefiċjarju u d-detentur tiegħu jew l-applikanti msemmija fil-paragrafu (4) indikati fuq il-formola;
 - 3° fejn applikabbli, għat-terminas tal-iċċarġjar li minnhom ċerti komponenti jistgħu jinqalgħu biex jiffunzjonaw bħala apparat tal-iċċarġjar għal tagħmir mobbli, dokument mill-manifattur li jipprovdi n-numru tas-serje tal-apparat mobbli tal-iċċarġjar imsemmi fl-Artikolu 4(1), is-subparagrafu 1, il-punt 10°;
 - 4° fejn applikabbli, estratt tar-reġistru tal-artijiet li jindika s-sjeda tas-sit assoċjat ma' punt tal-iċċarġjar tat-terminal tal-iċċarġjar li għalih tintalab assistenza finanzjarja;
 - 5° fejn applikabbli, dokument li juri s-sjeda tal-proprjetà kollettiva li għaliha tintalab l-assistenza finanzjarja msemmija fl-Artikolu 2;
 - 6° fejn applikabbli, kopja tal-awtorizzazzjoni espressa li tagħti dritt ta' użu jew dritt ta' użufрутwarju għas-sit assoċjat ma' punt tal-iċċarġjar tat-terminal tal-iċċarġjar li għalih tintalab l-assistenza finanzjarja;
 - 7° għal terminals li għalihom il-kundizzjonijiet tekniċi għal konnessjoni ma' networks b'vultaġġ baxx imsemmija fl-Artikolu 5(2) tal-Liġi emendata tal-1 ta' Awwissu 2007 dwar l-organizzazzjoni tas-suq tal-elettriku jipprevedu hekk, ċertifikat ta' konformità mfassal mill-operatur tan-network ta' distribuzzjoni jew, fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ma jgħidgħu tali ċertifikati, kopja tan-notifika tat-tlestija mix-xogħlijiet mibgħuta lill-operatur tan-network;
 - 8° fejn applikabbli, skeda ta' data teknika li tispeċifika l-funzjonijiet tekniċi speċifiċi tat-terminal imsemmija fl-Artikolu 1(2);
 - 9° fejn applikabbli, dokument bħala prova tal-mandat biex tiġi ppreżentata l-applikazzjoni u, fejn xieraq, biex jiġi riċevut il-ħlas tagħha f'isem u għan-nom tal-applikant;
 - 10° meta applikazzjoni ssir permezz ta' kumpanija tal-kiri, din għandha tkun akkumpanjata mill-kuntratt ta' kiri, flimkien mal-mandat mogħti mill-kumpanija tal-kiri li tawtorizza lil din tal-aħħar biex tapplika għall-assistenza u tikseb ħlas f'isem u għan-nom tal-lokatorju.
- (2) L-assistenza finanzjarja għandha tiġi ttrasferita direttament fil-kont bankarju tal-applikant jew tal-persuna awtorizzata li tirċievi l-ħlas f'isem u għan-nom tal-benefiċjarju.

Fil-każ imsemmi fl-Artikolu 3(2), fil-forma msemmija fl-Artikolu 4, il-koapplikanti għandhom jipprovdu n-numru tal-kont bankarju li fih għandu jitħallas l-ammont sħiħ tal-assistenza. F'dan il-każ, il-koapplikant li jkollu dak il-kont bankarju għandu jkun obligat li jittrasferixxi immedjatament is-sehem tal-koapplikanti l-oħra fil-kontijiet bankarji rispettivi tagħhom. Kopja ta' dawn it-trasferimenti trid tintbagħat lill-Amministrazzjoni Ambjentali mingħajr dewmien.

Artikolu 6. Dispożizzjoni ta' tħassir

Ir-Regolament Gran Dukali emendat tad-19 ta' Awwissu 2020 li jintroduċi għajnuna finanzjarja għall-installazzjoni ta' punti privati tal-iċċarġjar għal vetturi elettriċi huwa b'dan imħassar.



It-talbiet għal assistenża għat-terminals tal-iċċarġjar li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Liġi msemmija hawn fuq ta' [jj/xx/ssss] għandhom jibqgħu rregolati mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Gran Dukali msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 7. Dħul fis-seħħ.

Dan ir-regolament għandu jidhrol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Artikolu 8. Ordni għall-infurzar

Il-Ministru għall-Ambjent, il-Ministru għall-Ekonomija u l-Ministru għall-Finanzi, kull wieħed fil-qasam ta' influwenza tiegħu, għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, li għandu jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu.